# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

Isem: ________________________________ Klassi: ________________

## Taqsima A

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet. (10 x 2 marki = 20 marka)

1. Min kien l-ewwel martri tal-Knisja?

   ______________________________________________

2. X'inhu t-talb?

   ______________________________________________

3. X'għamel Dun Mikiel Azzopardi għal dawk fil-bżonn?

   ______________________________________________

4. Għaliex baqgħet tissemma Madre Tereża?

   ______________________________________________

5. X'ried juri San Luqa bil-ktieb tiegħu 'L-Atti ta' l-Appostli'?

   ______________________________________________

6. 'L-Atti ta' l-Appostli' jirrakkonta ġrajjiet marbutin mal-ħidma tax-xandir tal-Bxara t-Tajba fil-Palestina u fid-dinja kollha. Liema huma ż-żewġ appostli li tissemma l-ħidma tagħhom f'dan il-ktieb?

   ______________________________________________

7. Liema ġrajja fl-Atti ta' l-Appostli għandha importanza speċjali għalina l-Maltin?

   ______________________________________________

8. Liema rigal speċjali ħalla warajh San Pawl f'Malta?

   ______________________________________________

9. Min huma s-suċċessuri ta' l-appostli?

   ______________________________________________

10. Għaliex għandna naħfru?

    ______________________________________________

## Taqsima B

Fisser dawn il-kliem. (5 x 3 marki = 15-il marka)

1. Għid il-Ħamsin

   ______________________________________________

   ______________________________________________

2. Djakni

3. Enċiklika

4. Ittra Pastorali

5. Konċilju

## Taqsima Ċ (20 marka)

**Il-Parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb**

Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm, u waqa’ f’idejn il-ħallelin; dawn neżżgħuh, biċċruh bis-swat u telqu u ħallewh nofsu mejjet. Inzerta kien nieżel qassis minn dik it-triq u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa’ sejjer. Hekk ukoll wieħed Levita, meta wasal hemm u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa’ sejjer. Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru. Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu; imbagħad tellgħu fuq il-bhima tiegħu, wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu.

L-għada ħareġ biċċtejn flus, tahom lil tal-lukanda u qallu: “Ħu ħsiebu, u jekk tonfoq xi ħaġa iżjed, inroddhielek jien meta nerġa’ ngħaddi.” “Minn dawn it-tlieta, int min jidhirlek li ġieb ruħu ta’ proxxmu ma' dak li waqa’ f’idejn il-ħallelin?” “Min ħenn għalih,” wieġbu l-għaref tal-Liġi. “Mur,” qallu Ġesù, “u agħmel hekk int ukoll.”

*(Luqa 10, 30-37)*

1. Fejn kien sejjer dak ir-raġel li qabżu fuqu l-ħallelin? *(2 marki)*

2. Min għadda minn ħdejh u ma għenux? *(2 marki)*

3. Min waqaf biex jagħtih l-għajnuna? *(2 marki)*

4. X'għamel dan biex jgħinu? *(2 marki)*

5. Għaliex il-Lhud u s-Samaritani ma kinux ħbieb? *(2 marki)*

6. X'ried jgħallem Ġesù b'din il-parabbola? *(4 marki)*

7. Semmi **tliet** modi x'tista' tagħmel int f'ħajtek biex tgħin lil min ikun fil-bżonn. *(6 marki)*

## Taqsima D

Fisser dawn is-sentenzi mill-Bibbja. (5 x 3 marki = 15-il marka)

1. "Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ iżda lill-midinbin għall-indiema."

2. "Dawk li qegħdin jitkellmu mhumiex ilkoll mill-Galilea? Mela kif kull wieħed minna qiegħed jismagħhom jitkellmu b'ilsien art twelidu?"

3. "Dan hu l-kmandament il-ġdid: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien."

4. "U ara, jiena magħkom dejjem sa l-aħħar taż-żmien."

5. "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."

## Taqsima E

(30 marka)

"U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja." *(Atti 2, 46)*

Wieġeb.

1. Minn liema ktieb tal-Bibbja hi meħuda din is-silta? *(marka)*

2. Għal min qed tirreferi din is-silta? *(2 marki)*

3. Fisser il-frażi 'jaqsmu l-ħobż fi djarhom'. *(3 marki)*

4. Għaliex dawn in-nies kellhom 'qlub ferħana u safja'. *(3 marki)*

5. B'liema ċelebrazzjoni qed nagħmlu l-istess bħal dawn in-nies? *(2 marki)*

6. X'inhu l-ħobż li aħna naqsmu flimkien waqt din iċ-ċelebrazzjoni? *(2 marki)*

7. Semmi **żewġ** partijiet li juru li waqt din iċ-ċelebrazzjoni aħna nkunu magħqudin bħala familja waħda. *(4 marki)*

8. a. Semmi **tliet** partijiet minn din iċ-ċelebrazzjoni. *(3 marki)*

   b. Ikteb madwar 20 kelma fuq waħda mill-partijiet ta' din iċ-ċelebrazzjoni li semmejt fin-numru 8a. *(5 marki)*

9. Kif għandek int tieħu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni? *(5 marki)*